MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2010

Numru. 551/2009

Il-Pulizija
(Sp Nikolai Sant)
vs
John Saliba, iben Alessandro, imwieled tas-Sliema fit-23 ta' Mejju, 1935, Karta ta' l-Identita numru 396235(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli ġewwa l-Għargħur bejn il-15 ta' April, 2002 u is-17 ta' Novembru, 2005 b'diversi atti magħmulin b'risoluzzjoni waħda fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, bħala l-propjetarju tar-residenza bl-isem ta' Villa Reverie, Triq Għaxqet l-Għajn, Għargħur b'mezzi qarrieqa li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fil-meter, tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkometta serq ta' dawl elettriku ta' €2,392.59 għad-dannu tal-Korporazzjoni

Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur;
2. talli taħt l-istess ċirkostanżi kkometta ħsara volontarja fuq meter tad-dawl tal-marka ISKRA, bin-numru 7347034, liema ħsara ma teċċedix il-€116.47, imam iżjed minn €23.29 għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat l-iskrittura bejn l-imputat u l-Korporazzjoni Enemalta tal-14 ta' Jannar, 2010 fejn wara li l-imputat ħallas dak kollu dovut l-Korporazzjoni Enemalta nfurmat lill-pulizija li ma għandix aktar interess f'din il-kawża.

Rat ir-riċevuta tal-pagament li sar mill-imputat lill-Korporazzjoni Enemalta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mejju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 264, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ħallas dak kollu dovut u l-istess imputat hu ta' eta' avvanzata. Għaldaqstant, tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Minbarra dan rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' mija u disgħin euro (€190) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------